# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-28 TA' NOVEMBRU 2019

**Kawza Numru: 3**

**Rik. Nru. 483/2018 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**(C 3177)**

**vs.**

**Spiteri Carmel (I.D. 46150G)**

**f'ismu personali u bhala garanti**

**tas-Socjeta`Carmel Spiteri Limited (C19257) u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2019 giet mizjuda s-socjeta' Carmel Spiteri Limited (C19257)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors tas-Socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c.** prezentat fis-16 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ippremettiet u talbet s-segwenti:

Illi permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Borg datat 16 ta' Settembru, 2010 (Dok HSBC '1') hu rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok 'B') u notifikata lill-intimat fis-26 ta' Dicembru 2011 kkostitwixxa ruhu bhal debitur tas-socjeta` rikorrenti.

Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimat baqa' debitur tar-rikorrenti u ghaddew izjed minn hames snin mid-data ta' l-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u issa s-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. qeghda titlob l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 258 ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu kontra Brian Pisani ghal-bilanc li ghadu dovut;

Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-ezekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ghandu: *"jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn... li jkun l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".*

Rat ir-risposta tal-konvenut proprio et nomine tat-20 ta' Settembru 2019.

Rat ir-rikors tal-bank rikorrent tal-21 ta' Novembru 2019 li permezz tieghu talbet korrezzjoni fit-talbiet attrici sabiex is-sentenza tinghata fil-konfront ta' "Carmel Spiteri Limited (C19257), Spiteri Carmel (ID 46150G) f'ismu personali u bhala garanti tas-socjeta Carmel Spiteri Limited (C19257)".

Rat id-digriet kamerali taghha tal-25 ta' Novembru 2019 li permezz tieghu saret emenda fl-okkju tal-kawza u fit-talbiet attrici sabiex mal-konvenuti tizdied is-socjeta' Carmel Spiteri Limited.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2019 Dr Franco Galea iddikjara illi l-patrocinati tieghu kienu qed jaghtu ruhhom b'notifikati bir-rikors promotur kif eventwalment emendat.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat illi t-talba attrici hija gustifikata stante li ghaddew aktar minn hames snin mill-kuntratt pubbliku de quo u d-dejn ghadu mhux kollu saldat.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deciz, tilqa' t-talba u ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tawtorizza lill-bank attur jghaddi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu esekuttiv naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppublikat min-Nutar Dottor Francesca Borg fis-16 ta' Settembru 2010.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**